**Kelma mitlufa f'ħolma**

Wara li rġajt irqadt fil-fond
Dlonk feġġet il-mistoqsija,
Kienet wisq ċara u tonda
Għall-qalbi kienet ta' dija.

Rajt lil Papa b'fommu jgħidha
Liebes kien bħall-jumejn ilu,
Rajtu qed jistaqshieli
Ma nafx kif seta' rnexxielu.

Meta qomt ippruvajt ħafna
Niftakarha imma stajtx,
Għalhekk kemm rajtha għaqlija
Li nibqa' nissara ma bqajtx.

Ħaġa tgħallimt minn dil-ħolma
M'hemmx isbaħ minn ħajja siekta,
Fejn it-tweġibiet għad jinbtu
Fl-eqqel battalji missielta.

U dak li hafna jixtiequ
Kemm isir bis-sempliċità,
Għax jibqa' minnu kull bniedem
Jekk tneħħilu dik l-umiltà?

Isir ixewwek, iqażżek
Jinten wisq ħabba kburitu,
Jikrieh u jiżola ruħu
Ta' bis-sieq lil dik ċkunitu.

Ħa nsibha iwa t-tweġiba
Bl-għejxien tal-ħajja ta' kuljum,
U b'dak kollu l'għandu jgħidli
L-għażiż ħuna, il-Papa Ljun.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Mejju 2025.

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen